# DUN ĠUŻEPP XUEREB

– Johan Debattista u Maria Muscat –

Jekk fir-raħal ta' l-Imqabba ssib storja fuq l-festa tal-Madonna tal-Ġilju, żgur li ma tistax ma ssibx l-isem ta' Dun Ġużepp Xuereb imnaqqax.

Dun Ġużepp Xuereb twieled fit-18 t'Ottubru 1895, u f'żogħżitu ddedika ħajtu għall-ħajja saċerdotali. Huwa attenda s-seminarju u f'Lulju ta' l-1922 beda jqaddes. Dun Ġużepp Xuereb ma baqax joqgħod l-Imqabba għal diversi snin minħabba li ħuh Baskal u missieru Pawlu kienu qegħdin jibnu l-Knisja tal-Kalkara u għaldaqstant trasferew rwieħhom hemmhekk. Pawlu u Baskal kienu tnejn mis-soċi li bnew il-każin tas-Soċjetà tagħna wkoll. Hemmhekk Dun Ġużepp kompla jaqdi d-dmirijiet saċerdotali tiegħu, fejn huwa ltaqa' mal-qassis Gonzi, aktar tard Isqof. Wara xi żmien Gonzi ġie trasferit Għawdex u huwa ħa lil Dun Ġużepp bħala Kappillan tiegħu fejn hemmhekk servew għal għaxar snin sħaħ.

L-Imqabba baqgħet marbuta ma' qalbu u meta dan ġie offrut mill-Isqof Gonzi biex jilħaq monsinjur huwa m'aċċettax. Huwa baqa' qassis u reġa' ntbagħat l-Imqabba. Spiteri, Mangion u Bianco kienu t-tlett kappillani li Dun Ġużepp kellu matul iż–żmien tiegħu. Dun Ġużepp kien ukoll għalliem tal-Matematika fis-seminarju.

Matul is-snin Dun Ġużepp baqa' joqgħod l-Imqabba u fl-1939 huwa sar il-Prokuratur tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni. Għaldaqstant ma naqasx biex insista li fis-sena 1954 jagħmel il-festa speċjali peress li kien jaħbat iċ-Ċentinarju tad-Domma tal-Kunċizzjoni. Il-festi ma naqsux u Dun Ġużepp ħaseb ukoll biex iżanżan opri ġodda fosthom il-Bradella u l-Gastri tal-fjuretti li s-soċjetà għadha tuża sal-lum. Il-Bradella nħadmet minn Emmanuel Buhagiar minn Ħal Tarxien, fi żmien meta minħabba xjuħitu saħħtu bdiet tonqos. Fil-fatt ta' min igħid li Dun Ġużepp kien ta' kuljum jitla' biex iwassal lil Emmanuel Buhagiar mid-dar sal-garaxx biex ikun jista' jkompli x-xogħol fuq il-Bradella. Il-gastri tal-fjuretti ġew mogħtija minn Frenċ Saliba (ta' Mona), Ġużeppi (ta' Frenċ), Dun Ġużepp Xuereb, u l-flus għall-gastra l-oħra ġew ikkommissjonati mill-poplu Mqabbi. Fl-istess sena żanżnu wkoll il-forċini ta' l-istess bradella, id-dijadema, il-bankun tas-salib, is-salib tal-kleru kif ukoll il-lanterni.

Opra oħra ħajja li naraw ta' kuljum fil-knisja tagħna hija l-pittura sabiħa tal-Kunċizzjoni. Din ġiet mibdula wara li sar l-artal il-ġdid wara t-tiġrif li seħħ fil-gwerra. Din il-pittura saret minn Cleto Luzzi (Sqalli) ħabib kbir ta' Dun Ġużepp. Opra oħra li żgur li wieħed ma jistax jinsa huwa s-sandli tad-deheb tal-Madonna li ukoll sar wara insistenza minn Dun Ġużepp. Wieħed ma jistax ma jsemmix ma dan kollu l-bosta insistenzi fuq affarijiet oħra għall-ġid tal-parroċċa kollha, li Dun Ġużepp xtaq li jsiru, iżda ġew imħassra mill-Kappilani ta' dak iż-żmien, li żgur ma humiex ġustifikati. Fosthom insemmu l-bdil tat-tapiti ta' l-artali li tqattagħu fil-gwerra. Barra minn hekk Dun Ġużepp ġab ukoll ħafna mużika lejn il-knisja ta' l-Imqabba fost l-oħrajn ta' Diacono. Iż-żewġ linef ta' fuq l-artal maġġur ġew mixtrija minn Dun Ġużepp, imbagħad żdiedu t-tnejn l-oħra.



Dun Ġużepp Xuereb fl-okkażjoni tal-50 sena mill-ordinazzjoni tiegħu.

Il-ħwejjeġ tal-knisja li llum nistgħu ngawdu, huma ħafna dawk bis-saħħa ta' Dun Ġużepp, ħasra li kien hemm l-intoppi minn individwi varji. Żgur li għandha tnigges il-kuxjenza ta' ħafna li jċapċpu għall-Madonna jew jippriedkaw, imbagħad issib li huma jkunu jew kienu l-pijunieri ta' ħafna diżgwit bejn soċjetajiet. Dun Ġużepp kien jgħin lil kulħadd, fosthom nies individwali fix-xogħol personali tagħhom. Eżempju kienu f'ċerti permessi fuq l-artijiet li dak inhar kienu joħorġu mill-kurja li hu kien jinsisti bis-sħiħ għal nies mill-Imqabba fosthom sidien ta' barrieri. Il-Madonna kienet imħabba għal Dun Ġużepp: "Niftakar darba meta membri tal-Każin tal-Banda Re Ġorġ V telgħu l-istatwa ta' Santa Marija fuq il-Każin ġew jitolbu l-opinjoni ta' Dun Ġużepp. Kien bniedem maħbub, bniedem li ma jarax kuluri fil-festi, l-importanti kien isem il-Madonna" jirrakonta ħabib ta' Dun Ġużepp.

Dun Ġużepp ħalla l-post ta' Prokuratur fl-1970 filwaqt li fl-1972 huwa fakkar l-anniversarju ta' 50 sena saċerdot. Huwa ħalla din id-dinja fit-2 ta' Frar 1976 fl-għomor ta' 81 sena. Is-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju organizzat il-funeral ta' Dun Ġużepp bħala l-aħħar tislima.